MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**

**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2014

Rikors Numru. 67/2014

**AB**

**vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

1. Illi il-partijiet izzewgu nhar l-14 ta’ Lulju fis-sena 2001 ;

2. Illi il-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Erika Vella datat 9 ta' Mejju 2005 ;
3. Illi ghalhekk ghaddew aktar minn erbgha snin minn meta il-partijiet isseparaw legalment ;
4. Illi l-esponent tiddikjara li m'ghandha l-ebda pretensjoni finanzjara fil-konfront ta'zewgha inkluz manteniment ;
5. Illi m'hemmx tama ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet ;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti, m'ghandhiex tippronunzja l-hall taz-zwieg ossija divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-Artikolu 66D(2) tal-Kapitolu 16 tal-Ligi Nostrana;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-17 ta' Marzu, 2014;

Semghet lill-partijiet jixdhu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-9 ta' Mejju 2005;

Illi ir-rikorrenti ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejniethom u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------